**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 349/2021 AF**

**Av. Carl Grech fil-kapacità tieghu bhala mandatarju specjali ta' Biowair Total Systems S.L. li ghandha n-numru ta' registrazzjoni B33998980 u li ghandha l-indirizz registrat c/Michel Faraday, 75, Naves 9 y 10, Gijon, Spain, qabel maghrufa bhala Confort Direct S.L. bin-numru ta' registrazzjoni B33998980 u bl-indirizz registrat f'Celestino Junquera, 2, Oficina 44, Gijon, Asturias 33202, Spanja**

**vs**

**Premier Radiators Malta Limited (C-75820)**

**u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2022 gew mahtura bhala Kuraturi Dr. Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina Di Noto**

**u bil-verbal tat-13 ta' Gunju 2022, il-Qorti tirrevoka l-inkarigu ta' Dr. Yanika Bugeja u tahtar minflok lil Dr. Mark Mifsud Cutajar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur nomine, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-partijiet kienu dahlu fi skrittura privata datata 22 ta' Lulju 2016, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A', bis-saħħa ta' liema s-soċjetà intimata kienet appuntat lis-soċjetà rikorrenti bħala fornitur tal-*products* kif indikati f'dik l-iskrittura, fit-territorju tar-Renju Unit u r-Reppublika tal-Irlanda, sew direttament tramite *retail outlets* u kif ukoll tramite bejgħ ta' prodotti *online*, u kif ukoll sabiex tipprovdi *after sales* u servizzi relattati għall-*Products* fit-*Territory*.

Ai termini tal-istess ftehim, is-soċjetà rikorrenti kienet ġiet appuntata bħala *sole supplier* tal-imsemmija *Products*, soġġetta għat-termini u kundizzjonijiet tal-imsemmija skrittura. Il-ħatra tas-soċjetà attriċi dwar dan il-prodotti kienet magħmula fuq bażi esklussiva u għad-durata tal-imsemmi ftehim is-soċjetà intimata kienet intrabtet a favur tas-*Supplier* li ma taħtarx jew li ma tħallix il-ħatra ta' kwalsiasi fornitur ieħor għall-prodotti li kellhom jiġu suppliti in termini tal-imsemmija skrittura.

Is-soċjetà intimata intrabtet sabiex takkwista, fuq bażi annwali fuq it-terminu ta' din l-iskrittura minimu ta' €2,500 *Products.*

Bħala stat ta' fatt, is-soċjetà intimata akkwistat 938 units fis-sena 2016, 2,419 units fis-sena 2017, 1,695 units fis-sena 2018,

2,110 units fis-sena 2019 u 860 units mil-liema 730 kienu *refurbished products* fis-sena 2020 u 50 unit fis-sena 2021. Għalhekk, is-soċjetà intimata qatt ma akkwista il-minimu ta' units li kellha takkwista waqt id-durata ta' dan il-ftehim, u dan minkejja numru ta' wegħdiet li kienu qed isiru illi l-ordnijiet kienu ser ikunu qed jiżdiedu minn sena għal sena.

Ai termini tal-klawsola 8.2(a) tal-iskruttura, kull parti kellha d-dritt li tittermina l-iskruttura mmedjatament jekk il-parti l-oħra kienet ser tkun fi ksur tal-istess, jew inkella jekk tonqos milli tosserva t-termini tal-iskrittura, u dan sakemm tali ksur ma jiġix rimedjat fiżmien tletin (30) ġurnata wara avviż li jintbgħat fejn jitlob tali rimedju.

In vista tal-ksur ripetut ta' aspett materjali tal-kuntratt, nhar il-25 ta' Frar 2021, is-soċjetà attriċi bagħtet avviż lis-soċjetà intimata, liema avviż kien ġie riċevut u rikonoxxut, li kienet qed tittermina dak il-ftehim a bażi tal-klawsola 8.2 ta' dik l-iskrittura sakemm is-soċjetà intimata ma kienitx ser tissodisfa fi żmien tletin ġurnata wara tali avviż ir-rekwiżit ta' *minimum annual purchases* kif stabbilit fi klawsola 5.4, u ċioè li takkwista fuq bażi annwali matul it-terminu ta' dak il-ftehim, minimum ta' 2.500 prodott.

Is-soċjetà intimata rrispondiet għal dan l-avviż, inizjalment tgħid illi dan il-ftehim ma kienx għadu fis-seħħ, u sussegwentement biddlet il-posizzjoni tagħha u argumentat illi tali ftehim kien għadu fis-seħħ u li kellu jiġi rispettat.

Is-soċjetà intimata naqset milli tirrimedja l-ksur tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta rċeviet dan l-avviż.

Is-soċjetà intimata tinstab fi ksur materjali tal-iskrittura datata 22 ta' Lulju 2016.

Għalhekk, l-iskrittura datata 22 ta' Lulju 2016 hija terminata.

In vista ta' dan, is-soċjetà attriċi tinħtieg dikjarazzjoni ġudizzjarja illi l-iskrittura datata 22 ta' Lulju 2016 hija terminata.

B'żieda ma' dan, l-azzjonijiet tas-soċjetà intimata kkawżaw danni lis-soċjetà attriċi.

Huwa għalhekk li kellha ssir din il-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-iskrittura datata 22 ta' Lulju 2016 ġiet terminata minħabba ksur materjali tal-istess da parti tas-soċjetà intimata, u għalhekk m'għadhiex fis-seħħ bejn il-partijiet.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata responsabbli għad-danni li kkawżat lis-soċjetà attriċi minħabba ksur tal-obbligi tagħha fil-konfront tas-soċjetà attriċi.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi, jekk hemm bil-ħatra ta' periti nominandi għal dan l-iskop.

4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata in via tat-tieni talba tas-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-inġunzjoni ta' rappreżentanti tas-soċjetà intimata għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2021 il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur nomine u ordnat il-ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw is-soċjetà konvenuta.

Rat illi b'digriet tat-18 ta' Marzu 2022 ,din il-Qorti diversament preseduta ħatret lill-Avukat Dottor Yanika Bugeja u lill-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina Di Noto bħala kuraturi.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2022 il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Avukat Dottor Yanika Bugeja u ħatret minflokha lill-Avukat Dottor Mark Mifsud Cutajar.

Rat ir-risposta maħlufa tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-PL Nicholette Aquilina Di Noto li permezz taghha gie eccepit illi:

L-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakoltà li l-partijiet iressqu nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi minkejja l-fakoltà lilhom konċessa l-partijiet baqgħu ma ressqux nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat li din hija kawża nexxenti minn skrittura privata tat-22 ta' Lulju 2016 in virtu ta' liema s-soċjetà konvenuta ħatret lis-soċjetà attriċi bħala fornitriċi fit-territorju tar-Renju Unit u l-Irlanda tal-prodotti kollha ndikati fuq l-istess skrittura. Ai termini tal-istess skrittura s-soċjetà attriċi ntrabtet illi toffri servizz ta' *after sales* u servizzi oħra relatati mal-istess prodotti mibjugħa fit-territorju ndikat. Il-partijiet qablu u ftehmu wkoll illi s-soċjetà attriċi kellha tkun is-*sole supplier* għall-perjodu ta' għaxar snin u cioè għall-validità kollha tal-iskrittura. Da parti tagħha s-soċjetà konvenuta obbligat ruħha illi tixtri b'minimu ta' 2500 prodott fis-sena.

Ai termini tal-klawsola numru 8(2)(a) tal-istess skrittura l-partijiet qablu li l-iskrittura tiġi terminata unilateralment f'każ li t-termini u kondizzjonijiet tal-imsemmija skrittura ma jiġux osservati u l-inadempjenza tipperdura għal perjodu ta' tletin ġurnata. Is-soċjetà attriċi tilmenta mill-fatt illi sa mill-bidu nett is-soċjetà konvenuta dejjem xtrat prodotti fi kwantità ferm anqas minn dik pattwita minkejja kemm wegħdiet li kienet ser takkwista aktar prodotti. Dan wassal lis-soċjetà attriċi sabiex fil-25 ta' Frar 2021 hija avżat formalment lis-soċjetà konvenuta li kienet sejra tittermina l-iskrittura jekk kemm il darba l-istess konvenuta ma tirrimedjax għan-nuqqasijiet tagħha.

Is-soċjetà attriċi ntavolat din il-kawża sabiex titlob dikjarazzjoni li l-iskrittura tat-22 ta' Lulju 2016 hija terminata. In oltre, talbet ukoll dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni kkawżati lis-soċjetà attriċi u li sussegwentement il-Qorti tikkundannaha tħallas l-ammont ta' danni likwidat.

L-uniċi provi in atti huma nota permezz ta' liema s-soċjetà attriċi ppreżentat estratt meħud mill-Malta Business Registry minn fejn jirriżulta illi b'effett mill-20 t'April 2021 isem is-soċjetà konvenuta ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru għaliex mhijiex topera. Fil-fatt minn dan l-estratt jidher illi l-istat tas-soċjetà konvenuta huwa *Struck Off as Defunct*.

Minkejja li s-soċjetà attriċi qiegħda tilmenta li s-soċjetà konvenuta kisret l-obbligi tagħha meta ma xtratx l-ammont minimu ta' prodotti kif obbligata tagħmel skont l-iskrittura tat-22 ta' Lulju 2016, is-soċjetà attriċi ma ġabet ebda prova ta' dan. Il-Qorti tirribadixxi li min jallega jrid jipprova u allura kien jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tiskarika l-piż tal-prova billi almenu tesebixxi kopja ta' fatturi jew dokumentazzjoni relattiva li tikkorrobora l-aġir lamentat. Minkejja dan, is-soċjetà attriċi ma ppreżentat ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni tagħha. Terġa u tgħid lanqas biss imqar indikat fhiex jikkonsistu sewwa sew id-danni minnha reklamati u għalkemm dawn jistgħu ikunu ammontanti. Fl-atti ma hemm lanqas imqar ħjiel ta' prova dwar l-allegati nuqqasijiet tas-soċjetà konvenuta u tad-danni konsegwenzjali li allegatament sofriet is-soċjetà attriċi. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis it-talbiet attriċi bħala mhux mistħoqqa.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi.

L-ispejjeż jitħallsu kollha mis-soċjetà attriċi.

IMĦALLEF

DEP/REG